

32006D0801

L 329/26

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

25.11.2006

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Novembru 2006

**li temenda d-Deċiżjoni 2005/432/KE li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u tas-saħħa pubblika u ċ-ċertifikati mudell għall-importazzjonijiet tal-prodotti tal-laħam għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi u li tirrevoka d-Deċiżjonijiet 97/41/KE, 97/221/KE u 97/222/KE**

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 5444)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/801/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li tippovdi għal rekwiżiti fir-rigward tas-saħħa ta' l-annimali u tas-saħħa pubblika li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti mhux soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti f'regoli Komunitarji speċifiċi msemmija fl-Anness A(1) tad-Direttiva 89/662/KEE u, fejn jidhru l-patoġeni, id-Direttiva 90/425/KEE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 (2) (c) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(4), l-Artikolu 9(2)(b) u l-Artikolu 9(4)(b) u (c) tagħha,

Billi:

(1) Ċerti referenzi għad-definizzjonijiet fid-Deċiżjoni 2005/432/KE <sup>(3)</sup> għandhom jiġu aġġornati.

<sup>(1)</sup> ĠU L 62 tal-15.3.1993, p. 49. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 157, tat-30.4.2004, p. 33). verżjoni kkoreġuta fil-ĠU L 195, 2.6.2004, p. 12).

<sup>(2)</sup> ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.

<sup>(3)</sup> ĠU L 151, 14.6.2005, p. 3. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2006/330/KE (ĠU L 121, 6.5.2006, p. 43).

(2) Billi r-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene ta' l-affarijiet ta' l-ikel, ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta-29 ta' April 2004 li jstipula regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali u maħsuba għall-konsum mill-bniedem, huma issa applikabbli, jeħtieġ li jiġu emendati u aġġornati il-kundizzjonijiet Komunitarji tas-saħħa u l-ħtiġijiet ta' ċertifikazzjoni għall-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti tal-laħam li jiġu minn bovini, porċini, ovini, kaprini, solipedi domestiċi, annimali tal-kaċċa mrobbija, fniek domestiċi u annimali tal-kaċċa salvaġġi.

(3) Iċ-ċertifikat mudell tas-saħħa għandu jiġi emendat biex jiffaċilita l-ħidma ta' TRACES stabbilita skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/623/KE tad-19 ta' Awissu 2003 li tikkonċerna l-iżvilupp ta' sistema veterinarja kkompjuterizzata integrata magħrufa bħala Traces <sup>(4)</sup>.

(4) Huwa xieraq li jiġi stabbilit perjodu ta' tranżizzjoni li matulu ċertifikati maħruġa taħt ir-regoli ta' qabel jistgħu jkomplu jintużaw.

(5) Id-Deċiżjoni 2005/432/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

<sup>(4)</sup> ĠU L 216, 28.8.2003, p. 58.

- (6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u Saħħet l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2005/432/KE hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikoli 2 u 3 huma mibdula b'dan li ġej:

*"Artikolu 2*

**Definizzjoni ta' prodotti tal-laħam**

Għall-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni, għanda tapplika d-definizzjoni ta' prodotti tal-laħam kif stabbilita fil-punt 7.1 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

*Artikolu 3*

**Kunidizzjonijiet li jikkonċernaw l-ispeċi u l-annimali**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kunsinni tal-prodotti tal-laħam importati fil-Komunità huma ġejjin mil-laħam jew mill-prodotti tal-laħam mill-ispeċijiet jew mill-annimali li ġejjin:

- (a) tjur domestiċi ta' l-ispeċijiet li ġejjin: tjur domestiċi, dundjani, tiġieġ tal-kina, wiżż u papri;
- (b) annimali domestiċi ta' l-ispeċijiet li ġejjin: annimali bovini, inklużi l-*Bubalus bubalis* u l-*Bison bison*, il-ħnieżer, in-nagħaġ, il-mogħoż u s-solipedi;

- (ċ) annimali tal-kaċċa mrobbija u fniek domestiċi kif definiti fil-punt 1.6 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

- (d) annimali tal-kaċċa salvaġġi kif definiti fil-punt 1.5 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004."

- (2) L-Anness III jinbidel bit-test ta' l-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

- (3) L-Anness IV jinbidel bit-test li hemm fl-Anness II għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mill-1 ta' Marzu 2007.

Madankollu, ċertifikati dwar is-saħħa pubblika u saħħet l-annimali maħruġa qabel id-data ta' l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni jistgħu jintużaw sa l-1 ta' Ġunju 2007.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, 17 ta' Novembru 2006.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membri tal-Kummissjoni*

## ANNEX I

## ANNEX III

## (Iċ-ċertifikat mudell dwar saħħet l-annimali u s-saħħa pubblika għall-prodotti tal-laħam maħsuba għall-kunsinna lill-Komunità Ewropea minn pajjiżi terzi)

## PAJJIŻ

## Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE

Parti I : Dettalji tal-kunsinjja mibgħuta	I.1. Kunsinnatur Isem		I.2. Numru ta' Ċertifikat ta' riferenza		I.2.a		
	Indirizz		I.3. Awtorita Ċentrali kompetenti				
	Tel. N°		I.4. Awtorita lokali kompetenti				
	I.5. Destinatarju Isem		I.6.				
	Indirizz						
	Tel. N°						
	I.7. Pajjiż ta' oriġini	Kodiċi ISO	I.8. Reġjun ta' oriġini	Kodiċi	I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.10.
	I.11. Pajjiż ta' oriġini/Pajjiż ta' h̄sad Isem		Numru approvat		I.12.		
	Indirizz						
	I.13. Post ta' tgħabija		I.14. Data ta' tluq				
I.15. Mezz ta' trasport Ajruplan <input type="checkbox"/>		Vaxxel <input type="checkbox"/>	Vagun <input type="checkbox"/>	I.16. BIP tad-d h̄ul fl-UE			
Vejikolu tat-triq <input type="checkbox"/>		Ohrain <input type="checkbox"/>	I.17. Nru. (Nri) tas-CITES				
Identifikazzjoni							
Referenzi Dokumentarji:							
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott				I.19. Kodiċi tal-Komodita (Kodiċi CN)		I.20. Numru/Kwantita	
I.21. Temperatura ta' prodotti Ambjent <input type="checkbox"/>		Mkessaħ <input type="checkbox"/>	Friżat <input type="checkbox"/>	I.22. Numru ta' pakketti			
I.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/Numru ta' siġill		I.24. Tip ta' ippakkettar					
I.25. Prodotti ċertifikati Konsum uman <input type="checkbox"/>							
I.26.				I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE <input type="checkbox"/>			
I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti Numru ta' l-approvazzjoni ta' l-istabbilimenti							
Speċi (Isem xjentifiku)	Karatteristiċi tal-komodità	Tip ta' trattament	Biċċerija	Impjant tal-manifattura	Maħżen imkessaħ	Numru ta' pakketti Piż nett	



## Prodott tal-laħam

- (<sup>2</sup>) [II.1.4. fil-każ ta' prodotti tal-laħam li ġejjin mil-laħam frisk tal-lagomorfi u ta' mammali ta' l-art oħra:  
jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti dwar saħħet l-annimali u s-saħħa pubblika stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/585/KE u ma ġiex minn stabbiliment li huwa soġġett għal restrizzjonijiet minħabba mard ta' l-annimali li jaffetwa l-annimali kkonċernati f'raġġ ta' 10 km fejn ma kien hemm l-ebda tfaqqigħa ta' mard ta' din ix-xorta fl-aħħar 30 jum;];
- II.1.5. il-prodott tal-laħam:
- II.1.5.1. [jikonsisti minn laħam u/jew prodotti tal-laħam li ġejjin minn speċi waħda u għadda mit-trattament li jissodisfa l-kondizzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2005/432/KE]
- jew (<sup>2</sup>) II.1.5.1. [jikonsisti f'laħam ta' aktar minn speċi waħda u, wara li laħam ta' din ix-xorta ġie mħallat, il-prodott sħiħ sussegwentement għadda minn trattament li huwa strett għall-inqas daqs dak meħtieġ għall-komponenti tal-laħam tal-prodott tal-laħam kif stabbilit fl-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/432/KE;]
- jew (<sup>2</sup>) II.1.5.1. [ġie mħejji minn laħam ta' aktar minn speċi waħda u kull komponent tal-laħam preċedentement għadda minn trattament, qabel ma ġie mħallat, li jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti tat-trattament għal-laħam ta' dik l-ispeċi kif stabbilit fl-Anness II għal 2005/432/KE]; (<sup>2</sup>)
- II.1.6. wara t-trattament ittieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex tkun evitata l-kontaminazzjoni
- (<sup>2</sup>) [II.1.7. Garanzji addizzjonali:  
fil-każ tal-prodotti tal-laħam tat-tjur li m'għaddewx minn trattament speċifiku u huma ddestinati għal Stati Membri jew għal reġjunijiet tagħhom li ġew rikonoxxuti skond l-Artikolu 12 tad-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE, il-laħam tat-tjur kien joriġina minn tjur li ma kenux imlaqqma b'vaċċin ħaj kontra l-marda tan-Newcastle fit-30 jum qabel it-tbiċċir;]
- (<sup>2</sup>) II.2. **Ċertifikazzjoni tas-Sanià**  
Jien, li ismi jidher imniżżel hawn taħt, niddikjara li jiena konxju mid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 852/2004, (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 999/2001 u niċċertifika li l-prodotti tal-laħam deskritti hawn fuq ġew prodotti skond dawn ir-rekwiżiti, b'mod partikolari li:
- II.2.1. ġejjin minn stabbiliment(i) li jimplementa(w) programm ibbażat fuq il-prinċipji ta' l-HACCP skond ir-Regolament (KE) Nru 852/2004;
- II.2.2. ġew prodotti minn materja prima li ssodisfat ir-rekwiżiti tat-Taqsimiet I sa VI ta' l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- II.2.3.1 (<sup>2</sup>) il-prodotti tal-laħam ġew mil-laħam tal-majjal domestiku li jew kien soġġett għall-eżami għat-*trichinosis* b'riżultati negattivi jew kien soġġett għal trattament ta' tkessieħ skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2075/2005;
- II.2.3.2 (<sup>2</sup>) il-prodotti tal-laħam ġew mil-laħam taż-żiemel jew mil-laħam tal-ħnieżer salvaġġi (ċingjali) li kien soġġett għal eżami għat-*trichinosis* b'riżultati negattivi skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2075/2005;
- II.2.4. il-prodotti tal-laħam ġew immarkati b'marka ta' identifikazzjoni skond it-Taqsima I ta' l-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
- II.2.5. it-tikketta mwaħħla ma' l-ippakkjar tal-prodotti tal-laħam deskritti aktar 'il fuq, għandha fuqha marka li tgħid li l-prodotti tal-laħam ġejjin kollha minn laħam frisk ta' annimali li tbiċċru f'biċċeriji li kienu approvati għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea jew ta' annimali li tbiċċru f'biċċerija indikata għall-kunsinna tal-laħam għat-trattament meħtieġ kif stabbilit fil-Partijiet 2 u 3 ta' l-Anness II tad-Deċiżjoni 2005/432/KE;
- II.2.6. dawn jissodisfaw il-kriterji rilevanti li ġew stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 dwar il-kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti ta' l-ikel;
- II.2.7. il-garanzji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet dwar ir-residwi li ġew sottomessi skond id-Direttiva 96/23/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tagħha, ġew sodisfatti;
- II.2.8. il-mezzi tat-trasport u l-kondizzjonijiet għat-tagħbija għall-prodotti tal-laħam f'din il-kunsinna jissodisfaw ir-rekwiżiti iġjeniċi stabbiliti għall-esportazzjonijiet lejn il-Komunità Ewropea;

II.2.9. jekk il-prodott ikun fih materjal mill-bovini, min-nagħaġ jew mill-mogħoż, il-prodott tal-laħam ma fihx u mhuwiex ġej minn:

*jew* <sup>(2)</sup>

materjal speċifikat ta' riskju kif definit fl-Anness XI, taqsima A, tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 prodott wara l-31 ta' Marzu 2001, jew laħam irkuprat b'mod mekkaniku ottenut mill-għadam ta' animalali bovini, ovini jew kaprini wara l-31 ta' Marzu 2001. Wara l-31 ta' Marzu 2001 l-animalali bovini, ovini u kaprini, li minnhom ikun ġej dan il-prodott, ma jkunux inqatlu wara li jkunu ġew storduti permezz ta' gass injettat fil-ħofra kranjali jew inqatlu bl-istess metodu jew inqatlu b'tiċrit wara li jkunu ġew storduti tat-tessut nervuż ċentrali permezz ta' strument twil f'għamla ta' virga mdaħħal fil-ħofra kranjali.

or

il-materjali bovini, ovini u kaprini għajr dawk ġejjin minn animalali mwielda, imrobbija dejjem u maqtula fi ..... <sup>(3)</sup> <sup>(4)</sup>.

#### Noti

##### Parti I:

- Kaxxa ta' referenza I.8.: ir-reġjun (jekk xieraq) kif jidher fl-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/432/KE (kif emendata l-aħħar).
- Kaxxa ta' referenza I.11: Post ta' l-oriġini: isem u indirizz ta' l-istabiliment li jibgħat.
- Kaxxa ta' referenza I.15: Numru ta' reġistrazzjoni (vaguni ta' ferrovija jew kontejner u trakkijiet), numru tat-titjira (ajruplani) jew isem (vapuri). Għandu jingħata tagħrif separat fil-każ tal-ħatt u t-tagħbija mill-ġdid.
- Kaxxa ta' referenza I.19: uża l-kodiċi HS xierqa: 02.10, 16.01, 16.02.
- Kaxxa ta' referenza I.23: Identifikazzjoni tan-numru tal-kontejner/siġill fejn applikabbli biss.
- Kaxxa ta' referenza I.28: "Speċi": agħżel fost l-ispeċijiet deskritti f' Parti II 1.1. (A);  
 "Karatteristiċi tal-komodità": Imla kif inhu xieraq  
 "Tip ta' trattament": indika l-perjodu ta' ħażna (jj/xx/ssss);  
 "Biċċerija": kwalunkwe biċċerija jew "stabiliment li jżomm it-tjur";  
 "Maħżen imkessaħ": kwalunkw faċilità ta' ħażna.

##### Parti II:

- (<sup>1</sup>) Prodotti tal-laħam kif stipulati fil-punt 7.1 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.
- (<sup>2</sup>) Żomm kif inhu xieraq.
- (<sup>3</sup>) Daħħal l-isem tal-pajjiż
- (<sup>4</sup>) Kif imniżżel fil-lista fil-punt 15(b) ta' l-Anness XI tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 kif emendat
- Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak tat-test stampat. L-istess regola tapplika għal timbri oħra għajr dawk imqabbża jew watermarked.

Il-veterinarju uffiċjali

Isem (b' ittri kbar):

Kwalifika u titlu:

Data:

Firma:

Timbru:

## ANNEX II

## 'ANNEX IV

(Transitu u/jew ħażna)

## PAJJIŻ

## Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE

Parti I : Dettalji tal-kunsinja mibgħuta	I.1. Kunsinnatur Isem		I.2. Numru ta' Ċertifikat ta' riferenza		I.2.a		
	Indirizz		I.3. Awtorita Ċentrali kompetenti				
	Tel. N°		I.4. Awtorita lokali kompetenti				
	I.5. Destinatarju Isem		I.6. Persuna responsabbli mill-kunsinja fl-UE Isem				
	Indirizz		Indirizz				
	Kodiċi Postali		Kodiċi Postali				
	Tel. N°		Tel. N°				
	I.7. Pajjiż ta' oriġini	Kodiċi ISO	I.8. Reġjun ta' oriġini	Kodiċi	I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.10.
	I.11. Pajjiż ta' oriġini/Pajjiż ta' hśad Isem		Numru approvat		I.12. Post ta' destinazzjoni Customs warehouse <input type="checkbox"/> Ship supplier <input type="checkbox"/>		
	Indirizz		Isem Indirizz Kodiċi Postali Numru approvat				
I.13. Post ta' tgħabija			I.14. Data ta' tluq				
I.15. Mezz ta' trasport Ajruplan <input type="checkbox"/> Vaxxel <input type="checkbox"/> Vagun <input type="checkbox"/> Vejjkolu tat-triq <input type="checkbox"/> Oħrajn <input type="checkbox"/> Identifikazzjoni Referenzi Dokumentarji:			I.16. BIP tad-d hul fl-UE				
			I.17. Nru. (Nri) tas-CITES				
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott				I.19. Kodiċi tal-Komodita (Kodiċi CN)		I.20. Numru/Kwantita	
I.21. Temperatura ta' prodotti Ambjent <input type="checkbox"/> Mkessaħ <input type="checkbox"/> Frizāt <input type="checkbox"/>					I.22. Numru ta' pakketti		
I.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/Numru ta' siġill					I.24. Tip ta' ippakkettar		
I.25. Prodotti ċċertifikati Konsum uman <input type="checkbox"/>							
I.26. Għat-tranżitu fl-UE lejn Pajjiż Terz <input type="checkbox"/> Pajjiż terz			I.27. Kodiċi ISO				
I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti Numru ta' l-approvazzjoni ta' l-istabbilimenti Speċi (Isem xjentifiku)    Karatteristiċi tal-komodità    tip ta' trattament    Biċċerija    Impjant tal-manifattura    Maħżen imkessaħ    Numru ta' pakketti    Piż nett							



## PAJJIŻ

## Prodotti tal-laħam għat-transitu u l-ħażna

		II.a. Numru ta' referenza taċ- ċertifikat	II.b.
Parti II: Ċertifikazzjoni	<b>II. Ċertifikazzjoni ta' Saħħet l-Annimali</b>		
	Jien, il-veterinarju uffiċjali, li ismi jidher imniżżel hawn taħt, b'dan niċċertifika li l-prodott tal-laħam <sup>(1)</sup> għat-transitu u/jew għall-ħażna <sup>(2)</sup> deskritt hawn fuq:		
	II.1. jiġi minn pajjiż jew reġjun awtorizzat għall-importazzjonijiet fil-KE kif stipulat fl-Anness II ta' l-2005/432KE meta nqatlu l-annimali li minnhom huwa derivat il-laħam fil-prodott tal-laħam u li		
	II.2. huwa konformi mal-kondizzjonijiet rilevanti ta' saħħet l-annimali kif stipulat fl-attestat tas-saħħa ta' l-annimali fiċ-ċertifikat mudell fl-Anness III ta' l-2005/432KE		
	<i>Noti</i>		
	<b>Parti I:</b>		
	— Kaxxa ta' referenza I.8.: ir-reġjun (jekk xieraq) kif jidher fl-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/432/KE (kif emendata l-aħħar).		
	— Kaxxa ta' referenza I.11: Post ta' l-orijini: isem u indirizz ta' l-istabbiliment li jibgħat.		
	— Kaxxa ta' referenza I.15: Numru ta' reġstrazzjoni (vaguni ta' ferrovija jew kontenitur u trakkijiet), numru tat-titjira (ajruplani) jew isem (vapuri). Għandu jingħata tagħrif separat fil-każ tal-ħatt u t-tagħbija mill-ġdid.		
	— Kaxxa ta' referenza I.19: uża l-kodiċi HS xierqa: 02.10, 16.01, 16.02.		
	— Kaxxa ta' referenza I.23: Identifikazzjoni tan-numru tal-kontejner/siġill: fejn applikabbli biss.		
	— Kaxxa ta' referenza I.28: "Speċi": agħżel fost l-ispeċijiet deskritti f' Parti II 1.1. (A); "Karatteristiċi tal-komodità": Imla kif inhu xieraq "Tip ta' trattament": speċifika d-deskrizzjoni tat-trattament applikat kif stipulat fl-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/432KE (kif emendata l-aħħar) "Biċċerija": kwalunkwe biċċerija jew "stabbiliment li jżomm t-tjur"; "Maħżen imkessaħ": kwalunkwe faċilità ta' ħażna.		
	<b>Parti II:</b>		
	<sup>(1)</sup> Prodotti tal-laħam kif stipulati fil-punt 7.1 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.		
	<sup>(2)</sup> Skond l-Artikolu 12 (4) jew l-Artikolu 13 tad-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE.		
	— Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak tat-test stampat. L-istess regola tapplika għal timbri oħra għajr dawk imqabbża jew <i>watermarked</i> .		
	Il-veterinarju uffiċjali		
	Isem (b'ittri kbar):	Kwalifika u titlu:	
	Data:	Firma:	
	Timbru		